MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2012

Numru. 1236/2006

**PULIZIJA**
**SPETTUR PAUL VASSALLO**
**SPETTUR LOUISE CALLEJA**
**SPETTUR THERESE SCIBERRAS**
**SPETTUR JEFFREY CILIA**

**VS**

**VINCENT MICALLEF**
**RAYMOND MICALLEF**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Vincent Micallef detentur tal-Karta tal-Identita` numru 427675 (M) u l-imsemmi Raymond Micallef detentur tal-Karta tal-Identita` numru 86459 (M).

**Akkuzati talli:**

Fit-18 ta` Novembru 2006, u fil-gimghat ta` qabel, f'dawn il-Gzejjer, f'stabilliment f'San Giljan, zammew jew ezercitaw jew kellhom sehem ma` ohrajn fl-ezercizzju ta` burdell jew ta` dar, hanut jew lokal iehor jew ta` xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew maghduda bhala li huma ffrekwentati ghal skop ta` prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali bi ksur tal-Artikoli (1) (3) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta` Malta;

U aktar talli fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi bhala l-persuni responsabbli minn hanut, allogg jew lukanda jew appartament privat hallew jew ippermettew li dak il-hanut, allogg, lukanda jew appartament jew xi parti taghhom jigu wzati bhala post ta` laqgha ghal skop ta` prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali bi ksur tal-Artikolu 9 tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta` Malta;

U aktar talli fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi bhal sidien jew bhala l-persuni li kellhom f'idejhom l-amministrazzjoni ta` dar jew fond iejor li xjentement taw b'kiri jew ippermettu l-uzu taghhom ghal skop ta` prostituzzjoni  jew ghal skopijiet ohra immorali bi ksur tal-Artikolu 10 tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta` Malta;

U aktar akkuzati tallli fl-istess dati, lok, hinijet u cirkostanzi bhala operaturi ta` attivitajiet turistici hallew l-post f'xi zmien intuza ghal xi ghemil kontra l-ligi jew il-moralita pubblika u dan bi ksur tal-Artikolu 7 tal-A.L. 128/2002;

U aktar talli fl-istess dati, hinijiet u cirkostanzi , f'dawn il-Gzejjer imjegaw, jew taw xoghol lil, xi persuna li ma tkunx persuna ezenti u li ma jkollix licenzja moghtija lilha ghal dak l-impjieg jew xoghol skond id-disposizzjonijiet tal-Att Dwar l-Immigrazzjoni, Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta` Malta,

jew b'mod iehor ghenu jew assistew lil xi persuna li ma tkunx persuna ezenti  fl-ghemil ta` reat mahsub fl-Artikolu 23 tal-istess Att u dan bi ksur tal-Artikolu 32 (1) (b) tal-istess Att;

U aktar talli fl-istess dati, hinijiet u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer impjegaw persuna minghajr licenzja u dan bi ksur tal-Artikolu 5 (9) tal-A. L. 205 tas-sena 2004;

U aktar talli fl-istess dati, hinijiet u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer bhala principali mpjegaw xi persuna li ma kienitx cittadin ta` Malta, liema persuna ma kelliex permess tax-xoghol u dan bi ksur tal-Artikolu 7, Avviz Legali tas-sena 1993;

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi f'kaz ta` kundanna ghal reat taht l-Ordinazzjoni Dawr il-Qirda tal-Kummerc fil-Prostituzzjoni Kapitolu 63, thassar kull licenzja li jkollu l-hati dwar xi lukanda, allogg, hanut jew fond iehor fejn jew fil-limiti ta` liema jkun sar ir-reat skond l-Artikolu 14 tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta` Malta;

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi f'kaz ta` kundanna ghal reat tordna s-sospensjoni jew t-thassir ta` kull licenzja mizmuma minn Paul Jason Degiorgio u li tkun relattiva ghal kummerc jew negozju jew relattiva ghal xi post tan-negozju fejn kienet impjegata dik il-persuna msemmija aktar `l fuq u dan skond l-Artikolu 7 tal-Avviz Legali numru 110 tas-sena 1993.

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Semghet il-provi mressqa;

Wara li rat l-Artikoli (1), (3), (9), (14), (10) tal-Kapitolu 63, l-Artikolu 7 tal-A. L. 128/2002, l-Artikolu 32 (i) tal-Kapitolu 217, l-Artikolu 5 (a) tal-A. L. 205/2004, l-Artikolu 7 tal-A.L. 1993, l-Artikolu 7 tal-A.L. 110/1993.

Wara li rat il-Fedina Penali tal-imputati u l-Att ta` twelid taghhom.

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-kawza tirrisali ghas-sena 2006 meta l-Pulizija ghamlet sensiela ta` *raids* fil-*Clubs* ta` Paceville u arrestat numru sostanzjali ta` *club owners* u impjegati taghhom u xliethom bi prostituzzjoni jew li ppermettew il-prattika ta` prostituzzjoni gewwa l-*premises* taghhom. Kien hemm sensiela ta` dawn l-akkuzi u huwa interessanti li wiehed jinnota li f'dawn il-kazijiet, sia l-operaturi tal-*clubs* kif ukoll it-tfajliet minnhom impjegati kienu nstabu "mhux hatja" tal-maggoranza tal-akkuzi lilhom addebitati mid-diversi Qrati li quddiemhom kienu dehru. Ta` min jiftakar ukoll l-ilbies pjuttost mhux tas-soltu li bih dawn iz-zeffiena, ghax hekk, fil-fatt, gie stabilit minn dawk il-Qrati li semghu dawn il-kazijiet, kienu tressqu mill-Pulizija quddiem il-Qorti meta ikkawzaw ghaa kbir dak iz-zmien fil-mezzi tax-xandir. Anke dan il-Gudikant, li dak iz-zmien, kien allontanat minn dawn il-Gzejjer taghna ghal skopijiet ta` xoghol internazzjonali kien semgha b'dawn l-arresti u l-ghaa li kienu kkagunaw.
Nibdew mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni.

Philip Bonnici tal-ETC. Din hija xhieda inkonklussiva u ma tipproduci l-ebda prova sustanzjali sia favur kif ukoll kontra l-Prosekuzzjoni jew l-imputati. Madanakollu f'din ix-xhieda gie pprezentat dokument li jikkontjeni zewg listi ta` tfajliet u ragel esteri, membri ta` pajjizi fl-Unjoni Ewropea u li m'humiex, li l-permess tax-xoghol taghhom kien attiv, *expired* jew *refused* fis-snin 2005 / 2006 meta gara dan l-incident. Il-quddiem, dina l-Qorti sejra tara jekk xi wahda

jew iktar minn dawn it-tfajliet jissemmew f'dawn il-proceduri.

Spettur Therese Sciberras illi kienet prezenti matul ir-*raid* li sar mill-Pulizija fl-istabiliment *Huggins*. Hija ma tghidx meta. Hija wkoll tesebixxi lis-stqarrijiet taz-zewg imputati mmarkati bhala dokument TS u TS1. Dawn l-istqarrijiet gew ikkonfermati mix-xhieda ta` PS 255 Joe Filletti u l-iSpettur Louise Calleja.

Il-PL Louisa Tufigno mill-ETC u Mirielle Mifsud mill-MTA illi esebew il-licenzja tal-2006 u 2007 tal-bar *Huggins and Friends*.

Jennifer Debono tal-ETC li pprezentat applikazzjoni ghall-permess ghax-xoghol iffirmat mill-imputati u diversi applikazzjonijiet u *refusals* ghall-impjieg li jikkoncernaw lil certa Ralitsa Zhivkova Kirilova ta` nazzjonalita` Bulgara li jirrisalu minn Awissu 2005 sa Frar 2006 u ta` Andreea Ioana Tarbujaru ta` nazzjonalita` Rumena minn Ottubru 2006. Thallew jigu esibiti kopji varji t`applikazzjonijiet ghall-impjieg ta` tfajliet illi, mill-provi prodotti, ma rrizultax illi kienu prezenti meta sar ir-*raid* tal-Pulizija. Kirilova qatt ma issemmiet iktar matul dawn il-proceduri kriminali.

L-iSpettur Antonovich Muscat li ha parti fir-*raid* tal-Pulizija. Minbarra milli jiddiskrivi dak illi gara fir-*raid*, huwa jsemmi lil Andreea Ioana Tarbujaru bhala wahda mit-tfajliet li l-Pulizija sabu dak in-nhar fil-club *Huggins*. Jirrizulta, wara harsa lejn il-listi pprezentati minn Philip Bonnici u Jennifer Debono li l-applikazzjoni ghax-xoghol ta` Andreea Ioana Tarbujaru kienet giet rifjutata fit-2 ta` Novembru 2006. Jirrizultaw li kienu wkoll prezenti certu Silvia Steinefsku. L-applikazzjoni ta` certa Laura Silvia Stanescu kienet giet rifjutata fit-2 ta` Novembru 2006. Kien hemm prezenti Mihaela Rosiu. Certa Mihaela Rosiu kienet giet rifjuta xoghol fit-2 ta` Novembru 2006. Din il-Qorti tirrileva li dawn it-tlett ismijiet huma simili ghal dawk li ghalihom

kienet saret applikazzjoni ta` impjieg. Dawn l-ismijiet m'humiex ezattament l-istess bhal dawk li nstabu fil-*premises* dak in-nhar tar-*raid*. Minhabba li qiedghin fil-kamp kriminali, dan id-dubju ghandu jmur favur l-akkuzati u, fir-rigward tal-akkuzi lilhom addebitati, dina l-Qorti hija tal-fehma li ma giex ippruvat, oltre kull dubju ragonevoli, illi dawn t-tlett (3) tfajliet li nstabu mill-Pulizija dak in-nhar kienu illegalment impjegati u huma l-istess tfajliet li ghalihom kienet saret applikazzjoni ghall-permess tax-xoghol. Lanqas ma jirrizulta mill-provi prodotti, illi t-tfajliet l-ohra li nstabu dak in-nhar mill-Pulizija kienu irregolarment impjegati.

PS 1298 Lambert Zammit, PC 1507 Brian Farrugia u PC 1190 Antoine Hili kollha hadu parti fir-*raid* bhala membri tal-Korp tal-Pulizija li jiddeskrivu dak li sabu meta sar ir-*raid*. Ilkoll jaqblu li dak li sabu kien regolari. Ma skoprew l-ebda att ta` prostituzzjoni u jiddiskrivu lit-tfajliet li sabu bhala *scantily dressed* u liebsin *see-through clothing*. Izda dawn ma kienux qiedghin jaghmlu att immorali. Xehedet ukoll l-Ufficjal Prosekutur, l-iSpettur Louise Calleja li kompliet tinvestiga dan il-kaz minn l-ufficini tal-Vice Squad izda hija ma kellha xejn gdid sabiex tippromuovi l-kawza tal-Prosekuzzjoni . PS 186 Christian Mintoff u PS 612 Theo Vella li kienu hadu xi ritratti tal-intern tal-*Huggins Darlings* u tas-sitt (6) tfajliet esteri li nstabu hemm dak il-hin tar-*raid* tal-Pulizija.

Illi dawn huma l-provi, fl-interita taghhom, li gew imressqa mill-Prosekuzzjoni, in support u in sostenn tal-allegazzjonijiet taghhom. Dawn, fil-fatt, ma huma provi ta` xejn. Il-provi mressqa mid-Difiza, li fl-umli opinjoni ta` dina l-Qorti, kienu superflui ukoll ghax, fil-fatt, ma kienx hemm bzonnhom, huma dawn l-istess xhieda msemmija minn dina l-Qorti, almenu dawk rilevanti, in kontro-ezami. Hija l-umli fehma ta` dina l-Qorti, illi l-Prosekuzzjoni, ma rnexxiliex iggib bizzejjed provi li jistghu iservu ta` prova sufficjenti u konkludenti ta` dak li bih huma akkuzati iz-zewg imputati. Imkien ma tirrizulta l-prostituzzjoni u imkien ma jirrizulta li l-*Huggins* kien qieghed jigi uzat ghall-

skopijiet ta` prostituzzjoni ai termini tal-Artikoli 9 u 10 tal-Kapitolu 63 jew b'xi mod iehor, ghal xi ghemil kontra l-ligi jew il-moralita pubblika. Illi dina l-Qorti diga esprimit l-opinjoni taghha vis a vis tal-akkuza migjuba kontra l-imputati a tenur tal-Artikolu 31 (1) (b) tal-Kapitolu 217 u f'dan l-istadju, terga ttenni t-twemmin taghha li l-provi tal-Prosekuzzjoni li ngabu in sostenn ta` dina l-akkuza m'humiex sodisfacenti u dan ghall-motivi diga citati. Ghal dawn l-istess ragunijiet dina l-Qorti qieghdha wkoll tillibera lill-imputat mill-akkuzi dedotti a tenuri tal-Artikolu 5 (9) tal-A.L. 205 tas-sena 2004 u taht l-Artikolu 7 tal-A.L. tas-sena 1993.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat u tinnota illi l-kawza ta` din in-natura, cara u lampanti damet sitt (6) snin biex tigi mismugha u deciza. Dina l-Qorti tapologizza lill-imputati ghal dan l-inkonvenjent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------